MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Civili Numru. 526/2003/1

**Joseph Saliba**

**vs**

**Is-Sindku Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar, is-Segretarju Esekuttiv Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar u l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Fil-11 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat illi l-attur pprezenta avviz fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Ottubru 2003 fejn talab lil Qorti sabiex tikkundanna in solidum jew min minnhom kif likwidata minn din l-Onorabbli Qorti dawk id-danni rapprezentanti fil-forma 'lucrum cessans' u

‘damnum emergens’ sofferti mill-attur f’incident li sehh fit-22 ta’ Settembru 2002 gewwa triq San Pawl il-Bahar, San Pawl il-Bahar liema incident sehh unikament minhabba negligenza, trakuragni u nuqqas ta’ tharris ta’ regolamenti da parte taghhom jew min minnhom.

Ghal finijiet ta’ kompentenza qed jigi dikjarat li l-valur huwa inqas minn elfejn lira maltin (LM2,000).

Bl-ispejjes u bl-imghaxx u l-ispejjes tal-ittra ufficcjali prezentata mill-attur kontra l-konvenut fil-5 ta Settembru 2003 u fis-26 ta’Settembru 2003 u l-konvenut huwa ingunt in subizzjoni.

Illi nhar il-11 ta Novembru 2003, l-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ipprezentat n-nota tal-eccezzjonijiet taghha fir-registru ta’ din il-Qorti fejn eccepiet li:-

1. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghal premess ghandu jigi ppruvat li d-danni imsemmija fl-avviz ta’ l-attur sehhew unikament minhabba negligenza, traskuragni jew imperizja ta’ l-attur stess.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall premess, l-Awtorita konvenuta mhiex responsabbli ghad-danni imsemmija fl-avviz tal-attur stante li hija qdiet l-obbligi kollha imposta fuqha mill-ligi.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizju ghall-premess , l-ammont ta’ danni dedotti fl-avviz ta’ l-attur huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghal dak l-ammont.

4. Illi ghaldaqstant in vista tal-premess, it-talbiet atturi in kwantu diretti kontra l-Awtorita ecipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-attur.

5. Salv eccezzjonijiet ultrjuri.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-Sindku u Segretarju Esekuttiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baharipprezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Novembru 2003 fejn eccipew;-

1. Illi l-eccipjenti ma humiex responsabli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna .

2. Illi konsegwentement l-eccipjenti ma kienux responsabli ghad-danni allegati mill-attur.

3. Salv eccezzjonijiet ultejuri.

**Joseph Saliba**, l-attur xehed nhar it-28 ta' Jannar 2004 u spjega kif fit-22 ta' Settembru 2002 huwa kien San Pawl il-Bahar ghaddej fit-triq ma certu Joseph Gatt miexi fuq il-bankina. Ghal habta tal-11.30 a.m. kien qed jitkellem ma koppja, ha pass lura u waqa' minn bankina gholja. Huwa u niezel ma seta izomm ma mkien ghaliex ma kienx hemm *rail* u bhala risultat gie imtajjar minn mutur. Huwa esebixxa zewg ritratti tal-bankina in kwistjoni li gew markati bhala dokument JS1 u JS2. Huwa spicca operat l-isptar.

in kontro-ezami spjega li kien fuq il-bankina inti u thares lejn ix-Xemxija hdejn il-Vecca u waqt li kien miexi ma kien qed jitkellem ma hadd. Il-Bankina kienet libera u seta jaraha. Huwa spjega ezattament fejn kien meta waqa' u cioe quddiem il-bieb tal-aluminium kif muri fir-ritratt dok. JS1. Mistoqsi jekk kienx hemm xi xoghlijiet fit-triq dak il-hin fil-mument meta waqa' huwa wiegeb fin-neggativ. Spjega li r-ritratt ma jindikax *rails* u li dan ittiehet minnu xi xahar wara li kien hareg mill-isptar.

Ikkonferma ukoll li l-post tal-incident huwa kif tibda n-nizla lejn il-Vecca. Qal li dakinhar kien libes nuccali tal-boghod u ghalhekk il-vizwali tieghu kienet cara. Qal illu huwa minnu li f'xi hin waqfu

ikelmu lil xi nies pero huwa ma kienx jafhom,kien jafhom biss Joseph Gatt l-habib ma min kien hu dakinhar.

In kontro-ezami nhar is-27 ta Mejju 2004 l-attur ighid Ii juza nuccali biss biex jara mill-vicin. Barra fl-appert nuccali ma juzax. Huwa ezebixxa ir-ricetta li kien tah it-tabib tal-ghajnejn u din giet markata bhala dok. AB1.

**Joseph Gatt** prodott mill-attur xehed nhar is- 27 ta’ Mejju 2006 u qal li l-attur jafu u li fil-fatt kien hemm okkazjoni meta stiednu d-dar tieghu San Pawl il-Bahar u sakemm in-nisa taghom qadu jsajru huma marru passeggjata fi triq San Pawl il-Bahar. Huma hu sejrin lura d-dar wara li kienu mxew xi ftit iltaqghu ma ragel habib tieghu u bdew jitkelmu bejniethom. Dak il-hin l-attur kien bil-wieqfa mexa ftit lura u waqa’ ghal go triq minn fuq il-bankina.

Jispjega li l-bankina kienet gholja xi tlett piedi u li ma kienx hemm ilqugh biex wiehed jista izomm maghha u l-bankina kienet lixxa izda dan nonnostante l-attur wegga sew bil- waqa’.

Wara dan l-incient huwa mar jitkellem mas-Sindku ta’ San Pawl il-Bahar dwar il-perikolosita tal-bankina u saru xi xoghlijiet rigward l-kwistjoni ta’ ilqugh. Tpoggew xi pajpijiet f’forma ta’ *railings.*

Spjega illi meta l-attur waqa’ kien gie ihares lejh u lejn ir-ragel l-iehor li kienu bilqieghda fuq ghatba ta’ bieba u cioe dik murija fid-dokument JS1. Qal li kienu ilhom mexjin xi siegha qabel l-incident pero ghajjenin ma kienux.

Ix xhud spjega li l-bankina kienet gholja xi tliet piedi. Ma kienx hemm lqugh biex wiehed jista izomm maghha

Illi nhar id-19 ta' Jannar 2005 l-avukat difensur tal-konvenut Kunsill Lokali San Pawl il-Bahar ecepixxa ulterjorment illi l-kundizzjoni medika tal-attur antecidenti ghall-incient de quo kienet il-kawza principali ghall-istess incident.

Il-Qorti ghalhekk hasset li kien opportun li jigi nominat espert mediku biex jirrelata dwar id-disabilita li seta sofra l-attur fl-incidnet in kwistjoni tenut kont ta' xi disabilita jew kundizzjoni li seta kellu qabel l-istess incident u innomina a spejjes provizorja tal-attur lil Dr. Andrew Borg, liema espert inghata ukoll il-fakolta li jitlob ghall-assistenza ta' espert iehor fil-kamp tal-medicina f'kaz li aspetti jirrikjedu xi ezami partikolari speccjalizzat.

Illi nhar is-17 ta' Gunju 2005 deher Dr. Andrew Borg u halef ir-relazzjoni tieghu. Minn esami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li l-attur waqa' fuq il-minkeb, garrab xi ksur u kellu bzonn operazzjoni u bhala rizultat ta' dak l-incident l-attur thalla b'difett permanenti u dizabilita' ta' 3%. Sostna ukoll li l-attur ibati bil-vizta u bis-smiegh fatturi li setghu waqfuh milli jinduna bil-perikolu. Ghandu ukoll evidenza ta' osteoporite li jnaqqas il-kapacita tal-attur li jilqa ghal xi waqa'.

IIlli nhar it-8 ta' Mejju 2006 l-attur ipprezenta nota bi tlett dokumenti. Dokument SG1 li huwa dokument mahrug mid-dipartiment tas-Sigurta Socjali li jindika li l-attur ilu jircievi '*invalidity pension'* b'effett mill-5 ta' Jannar 2002, dokument SG2 li huwa certifikat tat-twelid li jindika li l-attur twieled fid-9 ta' Awwissu 1949 u jidher ghalhekk li fil-jum tal-incident kellu 52 sena u dokument SG3 li hija ittra ufficcjali mibghuta mill-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta li tghid li l-ippjanar u tfassil tal-bankini isir mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar generalment, izda peress illi t-triq in kwistjoni mhiex triq arterjali jew distributorja il-bini

tal-bankini isiru mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar jew minn terzi f'isem l-istess Kunsill.

Illi nhar id-29 ta' Mejju l-attur pprezenta prospett ta' Danni u fil-fehma tieghu l-Qorti ghandha tillikwida d-danni fl-ammont ta LM775, rapprezentanti l-paga minima ta LM3,329 x 8 (snin) x 3% (dizabilita') = LM775. Huwa ghamel referenza ghal diversi sentenzi sabiex din il-Qorti ma tnaqqasx *lump sum* ghal kaz in dizamina.

Nhar il-15 ta' Gunju 2006 xehed **Paul Bugeja,** is-Sindku tal-Kunsill Lokalita' San Pawl il-Bahar. Spjega li primarjament l-incident sehh fi triq San Pawl u mhux Triq San Pawl il-Bahar. Stqar li l-bankina f'din it-triq kienet ilha hemm fl-istat li kienet ghal diversi snin circa erbghin sena qabel l-incident mertu tal-kawza. Huwa inkariga lil Perit Robert Sant sabiex ighamillu rapport wara fejn sehh l-incident.

Huwa ezebixxa dan ir-rapport li gie markat bhala dokument PB1. Qal illi l-kunsill kien verament ghamel *railings* fit- triq fejn sehh l-incident fuq il-bankina mertu tal-kawza u dan wara li saritlu talba minn anzjan li jghix f'dik il-lokalita. Huwa ma kienx jaf li fil-fatt kien sehh dan l-incident f'dik il-parti tat-triq peress illi l-attur dejjem ghamel referenza ghat-Triq San Pawl il-Bahar li hija triq totalment differenti. Spjega ukoll li l-Kunsill qatt ma zamm laqghat mal-attur dwar dan l-incident u fil-fatt lanqas *file* m'ghandu fuq dan il-kaz ghaliex l-Kunsill sar jaf b'dan il-kaz wara li infethet din l-istess kawza odjerna. Jghid pero li hu minnu li l-Kunsill ghandu l-obbligu li jzomm il-*footpath* bhal dik in dizamina fi stat tajjeb ta' manutensjoni.

Minn ezami tad-dokument PB1 esebit minn Paul Bugeja jirrizulta li skond il perit Robert Sant il-bankina in kwistjoni ma nbnietx mill-Kunsill Lokali izda qabel u matul is-snin il-Kunsill kien biss responsabli ghaz-zamma taghha.

Illi nhar it-13 ta’ Lulju 2006 il-konvenut l-Awtorita tal-Ippjanar pprezenta affidavit tal-Perit Luciano Stafrace li gie markat bhala dokument LS1 u minn ezami tieghu jirrizulta li l-bankina minn fejn waqa’ l-attur hija antika hafna u fil-probabilta nbiet meta nbnew id-djar  ta’ ma gemba u d-differenza fid-dizlivelli minn mal-bankina ghat fuq it-triq kienet ezisenti sa zmien qabel ma il-MEPA qatt ma kellha sehem dirett jew indirett mal-formazzjoni jew mal-manutenzjoni ta’ tali bankina.

Ikkunsidrat.

Illi il-fatti fil-qosor kienu s-segwenti u cioe li l-attur kien ghaddej ghall-affarijiet tieghu ma habib fi Triq San Pawl meta waqt li kien wieqaf b’daru lejn it-triq jitkellem ma siehbu li kien bil-qieghda fuq ghatba ta’ bieb waqa’ minn fuq il-bankina li kienet xi tlett piedi ‘l fuq mit-triq u gie imtajjar minn mutur u spicca operat l-isptar. L-attur ighid li huwa ma kellux ma x’hiex izomm huwa hu niezel ghaliex ma kien hemm l-ebda ilqugh bhal xi railing nonnostante id-differenza fil-livel bejn it-triq u l-bankina.  Il-konvenut Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qed ighid li mhux responsabbli ghal dan l-incident ghaliex l-oncident sehh tort uniku ta’ l-istess attur u Ili hija dejjem qdiet l-obbligi taghha imposta mill-ligi.  Filwaqt li l-konvenuti Is-Sindku u Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar qed ighidu li ma humiex responsabbli ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

**Konsiderazzjoni legali.**

Illi din hi azzjoni tendenti ghar-rizarciment ta’ danni subiti mill-attur fit-triq pubblika. F’azzjoni bhal din l-attur jehtieglu jipprova l-fatt dannuz l-imputabilita ta’ dan u il-fatt ghal min ikun ikkagunalu d-danni, u l-event dannuz emergenti minn dan l-istess fatt.  Il-Qorti ghalhekk jehtiegilha tezamina attentament il-provi biex tara jekk l-attur

iddismpenjax ruhu biex jissodisfa dawn l-elementi u fuq kollox u fl-ewwel lok irnexxilux jipprova konkludentement il-gustifikazzjoni li hu javvanza biex jakkolla l-htija fuq il-konvenutI jew min minnhom.

Hu principju konsolidat kemm fid-dottrina kif ukoll f'gurisprudenza affermata, illi l-entitajiet pubblici li lilhom hi afidata certa mansjoni huma , bhal kull cittadin privat, marbuta li josservaaw, fil-kors tal-attivitajiet taghhom, il-prudenza, diligenza u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja dettata mir-regola fl-Artikolu 1032(1) tal-Kodici Civili. Regola din ta' korrettezza bon sens u ta' zvolgiment ghaqli f'kul part ital-operat, kemm jekk si tratta minn eskluzzjoni ta' xoghlijiet, manutenzjoni ta' opri pubblici, vigilanza u kontroll. L-enti pubblika li ma tosservax dan titqies fi htija li jkollha allura tissubixxi l-konsegwenzi ta' dan sancit fl-artikolu 1031 tal-Kodici Civili.

Fl-ambitu ta' din it-tematika l-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni (**Nru 9092, 5 ta' Lulju 2001)** kellha dan xi tghid:-

"*Nell'esercizio del suo potere discrezionale inerente alla esecuzione e manutenzione di opera pubbliche la Pubblica Amministrazione incontra limiti derivanti sia da norme di legge, regolamentari e techniche, sia da regole di commune prudenza e diligenza, prima fra tutte quella del 'nemine laedere' in osequio alla quale essa e tenuta a far sic he l'opus pubblicum' (in particolare una strada aperta al publico transito) non integri per l'utente gli estremi di una situazione di pericolo occulto (cosidetto insidia o trabocchetto*)."

Illi huwa principju generali accettat li s-siwi ta' xoghlijiet bhal dawk li kienu qed isiru fit-triq proprju fejn waqa' l-attur huwa wiehed li jmiss l-interess pubbliku,u, bhala tali jipprevali fuq l-interess tal-

privat u dan sal-limiti li bnadi ohrajn tfissru bhala solidarjeta socjali jigifieri, li c-cittadin igarrab sagrificju tad-dgawdija shiha tat-triq ghal gid tal-kolletivita, maghdud huwa nnifsu.

Illi madankollu pero, l-interess pubbliku ma jitfix dak privat ghal kollox, fis-sens li jekk kemm il-darba ssehh hsara lil xi cittadin waqt jew minhabba l-imsemmija xoghlijiet, huwa mistenni li l-awtorita taghmel tajjeb ghal dak it-telf jew hsara. F’dan il-kaz , ma jghoddx l-argument li l-gvern kien qieghed jinqeda bi dritt li huwa tieghu u li allura ma jistax jitqies li wettaq dannu lill-privat.

Il-kejl li jitqies biex jinghata rimedju ghal xi hsara li tista’ ssir lil  gid ta’ persuna private waqt it-twettiq ta’ xoghlijiet pubblici huma dak li jitnissel mill-obbligu li kull persuna ghandha tghamel tajjeb ghal-hsara li tigri  bl-ghamil (jew minhabba l-omissjoni) taghha (Artikolu 1031 ap.16).  Fi kliem iehor, il-bazi tar-rimedju m’huwiex ir-rabta kuntrattwali, izda dik tal-kwazi kuntratt **( Micallef vs Belle Mc Cance noe PA 7.2.1953)** jew sahansitra tad-delitt jew tal-kwazi delitt.

Illi illum il-gurnata huwa accettat li ukoll fil-qasam tad-dannu minhabba xoghlijiet pubblici, il-Gvern jew id-dipartimenti tieghu ma jistghux jinsatru wara l-iskuza tal-ghamil amministrattiv.  Ir-regoli tal-ligi li turbot ir-responsabilita tal-hsara ma min iwettaqha tghodd ghall-Gvern jew entitajiet pubblici ukoll, ghaliex hija regola ta applikazzjoni generika (**App. Civ. 28.2.01 fil-kawza fl-ismijiet  Carmelo Micallef vs Direttur tax-Xoghlijiet).**  Ghalhekk, ighoddu ghalihom l-istess regoli tal-ligi li japplikaw ghall-ghamil privat li jwassal fi hsara lil haddiehor, fosthom ukoll l-istess regoli li jehilsu lil haddiehor mir-responsabilita ghal ghemilu jew nuqqasijietu. **(P.A.  3.10.53 fil-kawza fl-ismijiet Xuereb vs Micallef noe et Kollezz Vol. XXXV11.ii.753).**

Illi, b'mod partikolari, meta enti pubbliku jigi afdat bi u fil-fatt iwettaq progett pubbliku ta' certu kobor (bhax-xoghlijiet li kienu qed isiru fit-triq fejn sehh l-incident mertu tal-kawza) huwa mistenni li, bhal fil-kaz ta persuna private, hija tuza l-prudenza, ghaqal u hsieb ta' missier tajjeb tal-amilja kif stabbiliti mill-Artikolu 1032 tal-Kodici Civili. Din ir-regola tghodd f'kul parti mit-twettiq tal-attivita pubblika, jigifieri kemm waqt it-twettiq innifsu tal-progett li jkun, kemm waqt il-process ta' manutenzjoni u kif ukoll fl-istadju tal-vigilanza u tal-kontroll **(App. Inf. 23.1.2004 fil-kawza fl-ismijiet Hugh P. Zammit noe et vs Direttur tat-Toroq et).**

Il-ligi tehles mir-responsabilita ta' xi ghamil li jgib il-hsara kollu li jsehh minhabba accident jew minhabba forza magguri (Artikolu 1029 Kap 16). Madankollu, ma jitqiesx li jkun sehh b'accident dak li jigri mill-fatt pozitiv jew negattiv, tal-bniedem **(PA 17.5.1992 fil-kawza fl-ismijiet Fenevh noe vs Gatt noe et Kollez XVlll.ii.64)** u li, fuq kollox, ikun imbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju (**App. Civ 16.11.1942 fil-kawza fl-ismijiet Raymond noe vs Busuttil pro et noe)** jew, ghall-anqas, jista' jigi evitat (**App. Civ 14.11.1919 fil-kawza fl-ismijiet Azzopardi vs Arcicovich et).** Minn naha l-ohra,il-fatt li jitnissel minn forza maggguri huwa dak li l-grajja tieghu ma jista' jaqfilha hadd (**App. Civ. 7.6.1940 fil-kawza fl-ismijiet Borg Falzon pro et ve Darmanin pro et noe).**

Illi meta l-parti mixlija bi hsara tghid li ma kinitx tahti minhabba l-accident jew minhabba l-forza magguri jaqa fuqha l-piz li tipprova dawk ic-cirkostanzi. Dan il-piz ma jitwettaqx jekk dak li jkun joqghod biss fuq l-iskuza li ma riedx jaghmel hsara li ma kellux mala fidi (**App. Civ. 17.11.1941 fil-kawza fl-ismijiet Fenech vs Carabott).**

Illi marbuta ma dawn il-konsiderazzjonijiet wiehed irid jirreferi ghal kwistjoni ta kif sehh l-accident fejn korra l-attur u cioe sabex il-Qorti tkunx konvinta li dak kollu li gara tort tal-konvenuti jew minhabba n-nuqqas ta’ diligenza tal-attur stess**.** Ghalkemm l-amministrazjoni pubblici iridu jaserixxi lic-cittadini li t-toroq u bankini huma mizmuma fi stat tajjeb u ma jesponux lill-istess cittadini ghal perikolista zejda minn naha l-ohra c-cittadini ghandom id-dover sabiex ikunu attenti waqt li qed ighamlu uzu mill-istess bankini u toroq publici.

Illi huwa veru li f’dn il-kaz kien hemm diversi xoghlijiet li kienu qed isiru fit-Triq San Pawl pero dwn kienu ilhom isiru zmien twil. Jirrisulta li d-dislivel bejn l-gholi tal-bankina minn fejn waqa’ l-attur u t-triq ilha hemm ghal zmien twil. Jirrizulta ukoll li l-istess attur kien konxju ta’ dan kollu tant li kien ilu siegha jimxi qabel am sehh l-incident. Il-Qorti trid tara jekk il-fatt I l-bankina ma kellhiex ‘railing’ li hija l-kawza tal-accident jew jekk l-attur waqax minn rajh minhabba xi stordament jew tfixkilx f’saqajh.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-attur kien ilu miexi ma siehbu f’din l-istess triq u fuq din l-istess bankina u li l-incident sehh wara li kienu ilhom ghaddejjin ghal perijodu ta aktat minn siegha. F’xihin l-attur waqaf jimxi sabiex seihbu jitkellem ma habib u waqt li siehbu u l-habib poggew bil-qieghda fuq ghatba ta’ bieb sabiex jistriehu l-attur baqa’ bil-wieqfa u mhux jistrieh ma xi hajt izda b’daru lejn it-triq. Kieku kien hemm *railing* is-sitwazzjonima tant kient tkun wahda differerenti.

Illi l-konvenut Kunsill Lokali ta’ San Pawl il-Bahar kien talab ghan-nomina ta espert mediku ghaliex fil-fehma tieghu l-kundizzjoni medika tal-attur antecidenti ghall-incident kienet il-kawza principali ghall-istess incident.

Illi din il-Qorti kienet laqghet tali talba u innominat lil Dr. Andrew Borg. Illi minn ezami tar-rapport ta' Dr. Andrew Borg jirrizulta li effettivament fil-fehma esperta tieghu l-attur ibati minn vizta u minn smigh u li tali fatturi setghu waqfuh milli jinduna bil-perikolu.

Illi ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-attur ma irnexxilux jipprova li l-accident sfortunat fejn wegga' l-attur ma sehhx tort tal-konvenuti izda minhabba in-nuqqas tieghu li jinduna bil-perikolu li kien hemm.

Illi mid-dokument esebit fl-atti a fol.56 markat bhala dokument SG3 (i huwa ittra ufficcjali mibghuta lill-attur qabel ma infethet il-kawza mill-Awtorita tat-Trasport ta' Malta) jirrizulta li l-ippjanar u tfassil tal-bankini isir mill-konvenut Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar pero peress li t-triq in kwistjoni mhix triq arterjali jew distributorja il-bini tal-bankina taghha sar mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar jew minn terzi f'isem l-istess Kunsill u din il-vertenza ma giet fl-ebda stadju ribattuta mill-konvenut. Ghalhekk in vista ta' l-istess l-Qorti tiddikjara li l-konvenut Awtorita ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar mhux il-legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzu. Illi mhemmx dubju li huwa l-konvenut Kunsill Lokali li ghandu iwiegeb ghad-domand attrici.

Illi mill-provi prodotti pero ma jirrizultax li l-konvenut Kunsill Lokali naqas f'xi doveri tieghu u li l-incident in kwistjoni fejn wegga l-attur sehh tort tieghu.

**GHALDAQSTANT** il-Qorti filwaqt li tiddikjara li l-incient li sehh nhar 22 ta' Settembru 2002 fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar ma sehhx tort uniku tal-konvenuti qieghda tichad t-talba attrici u tilqa l-eccezjonijiet kollha tal-konvenuti Sindku u Segretarju Esekuttiv Kunsill Lokali u tordna li l-

> ispejjes kollha ta' dawn l-proceduri jthalsu mill-attur.**"**

L-appell ta' l-attur fil-kontestazzjoni tas-sentenza hawn fuq riportata hu fis-sens illi l-ewwel Qorti kienet skorretta fl-evalwazzjoni tal-fatti u dan wassalha ghal konkluzjoni zbaljata. Anke f' dan l-istadju l-attur ikompli jishaq illi s-sinistru li fih sofra lezjonijiet personali kien dovut ghall-fatt illi l-bankina minn fejn waqa' ma kellhiex "*railing*" jew ilqugh xort' ohra ghall-iskansar tal-perikolu;

Jidher li l-ewwel Qorti approfondiet sew l-aspetti legali tal-vertenza u ftit hemm wiehed x' izid, jekk mhux forsi biex jigu kjariti u accentwati certi principji bazici;

Ibda biex, fl-ordinament guridiku taghna taht il-Kodici Civili, il-kolpa hi meqjusa bhala s-sostrat fundamentali ta' l-illecitu, anke jekk mhux protagonist assolut, gjaladarba l-istess Kodici jirrikonoxxi wkoll certi figuri ta' responsabilita` specjali. Ad ezempju, dak tal-lukandieri (Artikolu 1039) jew ta' sid ta' annimal (Artikolu 1040). Ma' dawn tizdied it-teorija, zviluppata fid-duttrina legali moderna, li taghmel riferiment ghall-kuncett tar-riskju li, f' rapport ma' l-attivita` zvolta, jakkolla l-htija lil min igibu fis-sehh;

Ta' importanza, imbaghad, tibqa' tregi f' materja ta' responsabilita`, sija Aquiliana jew kontrattwali, id-duttrina prevalenti in riferenza ghan-ness tal-kawzalita`, ossija dik tar-rapport li jorbot il-kondotta tal-persuna ma' l-event dannuz. Dan kif illustrat fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede civili, tas-6 ta' Frar 1928 in re: "**Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia *et***". Fiha jinghad illi "*perche possa una persona ritenersi responsabile pei danni fa mestiere che chi reclami l' indennizzo riesca a provare non solo l' atto u l' omissione colposa del denunciato, ma altresi che l' atto o la omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregiudizio sofferto dall' istanti*";

Affermati dawn il-principji guridici applikabbli ghal kaz, jidher li l-pern kollu ta' l-aggravju ta' l-appellanti jikkonsisti fil-fatt ta' l-ezistenza ta' kolpa omissiva fl-appellati kostitwita mill-assenza ta' mizuri ta' sikurezza (*railings* jew ilqugh iehor) f' dik il-parti tal-bankina minn fejn waqa'. Bankina din li, skond id-deskrizzjoni moghtija, hi gholja xi tliet piedi u saret xi erbghin sena qabel;

Issa, certament, l-ommissjoni tista' tigi individwata anke minn qaghda specifika li tkun tesigi t-tehid ta' attivita` determinata ghat-tutela ta' l-interessi ta' haddiehor. Effettivament, fil-kaz partikolari, jirrizulta li din l-attivita` ttiehdet *ex-post facto* l-incident bit-tqeghid ta' *railings* f' dik l-istess parti tal-bankina. *A prima vista*, u minn din l-ottika ristretta, kapaci tingibed id-deduzzjoni illi l-Kunsill tal-lokal fejn sehh l-incident kien fid-dmir illi jassikura illi din il-parti tal-bankina ma ggibx ghall-utenti l-estremi ta' sitwazzjoni ta' periklu. B' danakollu, imbaghad, fil-fattispeci, ma jirrizultax li l-event li sehh kien dovut ghal dak l-antecedent tan-nuqqas ta' kawteli da parti tal-Kunsill jew tal-membri individwali tieghu citati, jew ta' xi konkors ta' htija da parti taghhom, kif hekk issuggerit ukoll mill-appellanti fir-rikors ta' l-appell tieghu. Pjuttost, minn valutazzjoni tal-provi ghandu inekwivokabilment jirrizulta illi l-incident sehh ghaliex l-appellanti nnifsu, b' non-kuranza, meta kien bil-wieqfa fuq il-bankina b' dahru lejn it-triq "mexa ftit lura u waqa' fit-triq". Ara xhieda ta' Joseph Gatt prodott mill-attur a fol. 22. Dan, del resto, jikkonfermah l-appellanti nnifsu fejn jghid li "mort pass lura u waqajt" (fol. 12). F' sitwazzjoni bhal din ma jistax jinghad li r-rapport kawzali ghandu oggettivament, ness ma' l-assenza tar-*railings* izda, pjuttost, ma' l-incidenza tal-mixi lura da parti ta' l-appellanti meta s-sitwazzjoni tal-qaghda tal-bankina kienet gja sew maghrufa minnu u hu kellu l-previdibilita` subjettiva tal-perikolu vizibbli taghha;

Jikkonsegwi minn dan illi f' certi kazijiet, u dan prezenti hu wiehed minnhom, il-kondotta tad-danneggjat tista' ggib l-eskluzjoni tar-responsabilita` ta' l-allegat danneggjant

meta din titqieghed bhala l-kawza unika u esklusiva ta' l-event dannuz. Dan, ukoll, ghaliex tali kondotta tippriva minn efficjenza kawzali l-imgieba omissiva precendenti attribwita lill-persuna denunzjata bhala l-awtur li kkawza d-dannu;

Gjaladarba, anke din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ebda legam kawzali ma' xi ghemil kolpuz tal-konvenuti, u lanqas ebda element ta' xi kontributorjeta` minnhom ghall-event li sehh, l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jigi favorevolment milqugh u ser jigi respint.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez jitbatew mill-attur appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------